IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.7.2018
COM(2018) 547 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## Protezzjoni tal-investiment fi ħdan l-UE

# I. Introduzzjoni

### *L-inkoraġġiment u l-protezzjoni tal-investiment fl-UE*

Is-suq uniku tal-Unjoni Ewropea huwa żona unika ta' opportunitajiet ta' investiment. Objettiv ewlieni fil-*Pjan ta' Investiment għall-Ewropa*[1] huwa li jinħoloq ambjent regolatorju aktar prevedibbli, stabbli u ċar għall-promozzjoni tal-investimenti. Bħala parti minn din il-ħidma, il-*Pjan ta' Azzjoni tas-Swieq Kapitali tal-Unjoni ('CMU')*[2] u *r-Rieżami ta' Nofs it-Terminu* tiegħu[3] enfasizzaw li ambjent tan-negozju stabbli huwa kruċjali biex jinkoraġġixxi aktar investiment fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni hija impenjata biex tippreserva u ttejjeb kemm ambjent regolatorju prevedibbli, stabbli u ċar kif ukoll infurzar effettiv tad-drittijiet tal-investituri. Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tipprovdi gwida dwar ir-regoli eżistenti tal-UE dwar it-trattament ta' investimenti transfruntieri tal-UE.

Id-dritt tal-UE, kif żviluppat b'mod progressiv matul deċennji, jipprovdi lill-investituri b'livell għoli ta' protezzjoni, anki jekk ma jistax isolvi l-problemi kollha li l-investituri jistgħu jiffaċċjaw fl-attivitajiet tagħhom. Id-dritt tal-UE kien il-bażi għall-iżvilupp tas-suq uniku bħala qasam fejn l-investituri jgawdu l-libertà li jistabbilixxu negozju, biex jinvestu f'kumpaniji, biex jimportaw u jesportaw merkanzija u jipprovdu servizzi bejn il-fruntieri u jibbenefikaw minn trattament indaqs u mhux diskriminatorju bejn il-fruntieri. Il-moviment liberu tal-kapital jirfed kull investiment u t-Trattat jipprojbixxi miżuri li jwaqqfu jew l-impediment u l-iskoraġġiment mhux dovut tal-movimenti u l-pagamenti tal-kapital transfruntier.

Fl-istess ħin, il-liġijiet tal-Unjoni jipprevedu li s-swieq jiġu regolati biex isegwu interessi pubbliċi leġittimi bħas-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika, id-drittijiet soċjali, il-protezzjoni tal-konsumatur jew il-ħarsien tal-ambjent, li jistgħu jkollhom konsegwenzi għall-investitimenti. L-awtoritajiet pubbliċi tal-UE u fl-Istati Membri għandhom id-dmir u r-responsabbiltà kemm li jipproteġu l-investiment kif ukoll li jirregolaw is-swieq. Għaldaqstant, l-UE u l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri b'mod leġittimu għall-protezzjoni ta' dawk l-interessi, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-investimenti. Madankollu, huma jistgħu jagħmlu dan biss f'ċerti ċirkustanzi u taħt ċerti kundizzjonijiet, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

L-investituri transfruntieri fl-UE jkunu jistgħu jinvokaw id-drittijiet tal-UE direttament applikabbli li għandhom fuq il-liġi nazzjonali. L-imħallfin nazzjonali għandhom rwol speċjali u responsabilità li jipproteġu l-investiment. Flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ("QtĠ-

[1] https://ec.europa.eu/commission/priorities/jobs-growth-and-investment/investment-plan-europe-juncker-plan_mt
[2] COM(2015) 0468 finali.
[3] COM(2017) 292 finali.

UE" jew "Qorti tal-Ġustizzja") permezz tal-proċedura ta' referenza preliminari[4], l-imħallfin nazzjonali għandhom jiżguraw b'indipendenza kompleta l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet tal-individwi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, id-drittijiet transfruntieri tal-investituri huma protetti fl-UE wkoll permezz ta' għadd ta' mekkaniżmi pubbliċi bil-għan tal-prevenzjoni ta' ksur u biex jissolvew diffikultajiet li l-investituri jistgħu jesperjenzaw mal-awtoritajiet nazzjonali.

F'dawn l-aħħar deċennji, il-gvernijiet ħeġġew investimenti transfruntieri billi kkonkludew trattati ta' investimenti bilaterali (TIB). Dawn it-TIB tipikament jinkludu d-dritt għal trattament nazzjonali u trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit, għal trattament ġust u ekwu, il-protezzjoni kontra l-esproprjazzjoni u trasferiment ħieles tal-fondi. L-investituri jistgħu jallegaw ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet quddiem it-tribunali ta' arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat. Dispożizzjonijiet simili jinsabu fit-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija, it-trattat ta' investiment multilaterali mibdija mill-UE biex tistimula l-investimenti fis-settur tal-enerġija[5]. L-UE daħlet għal riforma sostanzjali ta' dawn il-ftehimiet fil-kuntest estern tal-UE.

Xi pajjiżi li magħhom l-Istati Membri tal-UE kienu preċedentement ikkonkludew dak it-TBI minn dak iż-żmien issieħbu fl-UE. Bħala riżultat tal-adeżjoni, ir-regoli sostantivi tat-TIB, kif applikati bejn l-Istati Membri ("TIB intra-UE"), saru sistema ta' trattati paralleli li jirkbu fuq ir-regoli tas-suq uniku, biex b'hekk jimpedixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-UE. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta t-TIB intra-UE jkunu interpretati b'tali mod li jikkostitwixxu l-bażi għall-għoti ta' għajnuna illegali mill-Istat bi ksur ta' kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku.

It-TIB intra-UE jikkonferixxu drittijiet biss fir-rigward ta' investituri minn wieħed miż-żewġ Stati Membri kkonċernati, f'kunflitt mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fost l-investituri tal-UE fi ħdan is-suq uniku skont id-dritt tal-UE. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' sistema alternattiva ta' soluzzjoni għat-tilwim, it-TIB intra-UE jneħħu mill-ġudikatura nazzjonali il-litigazzjoni dwar miżuri nazzjonali u li jinvolvu d-dritt tal-UE. Huma jafdaw din il-litigazzjoni f'idejn l-arbitri privati, li ma jistgħux japplikaw b'mod korrett id-dritt tal-UE, fin-nuqqas ta' djalogu ġudizzjarju indispensabbli mal-Qorti tal-Ġustizzja.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni Ewropea b'mod konsistenti ħadet il-pożizzjoni li t-TIB intra-UE huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Permezz ta' opinjonijiet motivati tat-23 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet talba formali lill-Awstrija, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Iżvezja biex jitterminaw it-TIB intra-UE tagħhom.

F'deċiżjoni preliminari riċenti dwar il-kawża Achmea[6], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li klawżoli ta' arbitraġġ bejn l-investituri u f'TBI intra-UE huma kontra l-liġi.

---

[4] L-Artikolu 267 TFUE.

[5] It-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija ġie ffirmat mill-UE, l-Istati Membri tagħha u għadd ta' pajjiżi terzi.

[6] C-284/16 Achmea, ECLI:EU:C:2018:158, parag 56 u 58.

Wara s-sentenza tal-Achmea, il-Kummissjoni intensifikat id-djalogu tagħha mal-Istati Membri kollha, u stednithom biex jieħdu azzjoni biex jitterminaw it-TIB intra-UE, fid-dawl tal-inkompatibbiltà inkonestabbli tagħhom mad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress f'dan ir-rigward u, jekk meħtieġ, tista' tiddeċiedi li tkompli ssegwi l-proċeduri ta' ksur.

Wara s-sentenza tal-Achmea, l-illegalità ta' arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat intra-UE tista' tirriżulta fil-perċezzjoni li d-dritt tal-UE ma jipprovdix għal salvagwardji sostantivi u proċedurali adegwati għal l-investituri intra-UE. Madankollu, is-sistema legali tal-UE tipproteġi l-investituri transfruntieri fis-suq uniku, filwaqt li tiżgura li l-interessi leġittimi oħra jkunu kkunsidrati kif imiss. Meta l-investituri jeżerċitaw waħda mil-libertajiet fundamentali, dawn jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn: i) ir-regoli tat-Trattat li jistabbilixxu dawk il-libertajiet; ii) il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"); iii) il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni; u iv) leġiżlazzjoni estensiva speċifika għas-settur li tkopri oqsma bħas-servizzi finanzjarji, it-trasport, l-enerġija, it-telekomunikazzjoni, l-akkwist pubbliku, il-kwalifiki professjonali, il-proprjetà intellettwali jew il-liġi tal-kumpaniji[7].

Mingħajr ma hija eżawrjenti, din il-Komunikazzjoni tfakkar l-aktar standards sostantivi u proċedurali rilevanti fid-dritt tal-UE għat-trattament ta' investimenti transfruntieri tal-UE. Din turi li d-dritt tal-UE jipproteġi l-forom kollha ta' investimenti transfruntieri tal-UE matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Tfakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-miżuri nazzjonali li jistgħu jieħdu biex jipproteġu l-interessi pubbliċi leġittimi ma jillimitawx l-investimenti bla bżonn. Tiġbed l-attenzjoni tal-investituri lejn id-drittijiet tal-UE li jistgħu jinvokaw quddiem l-amministrazzjonijiet u l-qrati.

### *Is-sentenza tal-Achmea u l-konsegwenzi tagħha*

Fis-sentenza tal-Achmea l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li klawżoli tal-arbitraġġ bejn l-investitur u Stat stabbiliti f'TBI intra-UE jimminaw is-sistema ta' rimedji legali prevista fit-Trattati tal-UE u b'hekk jipperikolaw l-effettività, l-awtonomija, is-supremazija u l-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Ir-rikors għal tali klawżoli jimmina l-proċedura għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, u ma huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Dan jimplika li l-klawżoli tal-arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat kollha fit-TIB intra-UE huma inapplikabbli u li kwalunkwe tribunal tal-arbitraġġ stabbilit fuq il-bażi ta' dawn il-klawżoli ma għandux ġurisdizzjoni minħabba n-nuqqas ta' ftehim ta' arbitraġġ validu. B'konsegwenza ta' dan, il-qrati nazzjonali huma taħt obbligu li jannullaw kull deċiżjoni arbitrali mogħtija fuq dik il-bażi u biex jirrifjutaw li jinfurzawha. L-Istati Membri li huma partijiet f'kawżi pendenti, fi kwalunkwe kapaċità, għandhom ukoll jisiltu l-konsegwenzi neċessarji kollha tas-sentenza tal-

[7] Filwaqt li din il-Komunikazzjoni ssemmi xi eżempji meħuda mil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, analiżi dettaljata ta' tali leġiżlazzjoni tmur ferm lil hinn mill-kompetenzi tagħha.

Achmea. Barra minn hekk, skont il-prinċipju taċ-ċertezza legali, huma marbuta li formalment jitterminaw it-TIB intra-UE tagħhom.

Is-sentenza tal-Achmea hija wkoll rilevanti għall-mekkaniżmu tal-arbitraġġ bejn l-investituri u l-Istat stabbilit fl-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija fir-rigward tar-relazzjonijiet intra-UE. Din id-dispożizzjoni, interpretata b'mod korrett, ma tipprovdix għal klawżola ta' arbitraġġ applikabbli bejn l-investituri u l-Istat minn Stat Membru tal-UE u Stat Membru ieħor tal-UE. Minħabba s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, dik il-klawżola, jekk tiġi interpretata bħala li tapplika fi ħdan l-UE, tkun inkompatibbli mad-dritt primarju tal-Unjoni u għaldaqstant inapplikabbli. Fil-fatt, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-Achmea japplika bl-istess mod għall-applikazzjoni intra-UE ta' tali klawżola li, bl-istess mod tal-klawżoli TBI intra-UE, tiftaħ il-possibbiltà li dawk it-tilwimiet jitressqu quddiem korp li mhuwiex parti mis-sistema ġudizzjarja tal-UE. Il-fatt li l-UE wkoll hija parti għat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija ma jaffettwax din il-konklużjoni: il-parteċipazzjoni tal-UE f'dak it-Trattat tkun biss ħolqot drittijiet u obbligi bejn l-UE u pajjiżi terzi u ma affettwatx ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri tal-UE.

***L-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni***

Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq l-investiment intra-UE u għaldaqstant ma tikkonċernax investimenti magħmula minn investituri mill-UE f'pajjiżi terzi jew investimenti magħmula minn investituri ta' pajjiżi terzi fl-UE[8]. Ir-regoli tat-Trattat dwar il-moviment ħieles japplikaw għal sitwazzjonijiet b'element transfruntier jew meta l-moviment transfruntier huwa mill-inqas possibbli[9]. Madankollu, xi direttivi u regolamenti tal-UE li jispeċifikaw u jiżviluppaw aktar il-libertajiet fundamentali jistgħu japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet purament interni, biex b'hekk jibbenefikaw l-investituri kollha inklużi dawk nazzjonali. Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq il-protezzjoni tal-investituri kontra miżuri nazzjonali u mhux kontra l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Il-libertajiet fundamentali u l-maġġoranza tal-liġi sekondarja relatata tal-UE japplikaw ukoll

---

[8] It-Trattat jipproteġi wkoll il-movimenti tal-kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Madankollu, skont l-Artikolu 64(3) TFUE, il-Kunsill jista', b'mod unanimu, jadotta miżuri li jikkostitwixxu pass lura f'dak li jirrigwarda l-liberalizzazzjoni tal-moviment ta' kapital lejn jew minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-politika kummerċjali komuni, fl-14 ta' Settembru 2017 il-Kummissjoni pproponiet qafas Ewropew għall-iskrinjar ta' investimenti diretti barranin minn pajjiżi terzi mill-Istati Membri abbażi ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-analiżi tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea COM/2017/0487. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM:2017:487:FIN

[9] C-67/08 Block ECLI:EU:C:2009:92, para. 21; C-98/15 Berlington Hungary, ECLI:EU:C:2015:386, para. 28; Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11 Libert ECLI:EU:C:2013:288, para. 34; Kawżi Magħquda C-570/07 u C-571/07 Blanco Pérez u Chao Gómez ECLI:EU:C:2010:300, para. 40; Kawżi Magħquda C-51/96 u C-191/97 Deliège, ECLI:EU:C:2000:199, para. 58.

fis-sustanza għall-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim ŻEE'), li jifformaw parti mid-dritt tal-UE[10]. B'riżultat ta' dan, is-suq uniku b'mod ġenerali jinkludi dawn it-tliet pajjiżi[11].

## II. Id-dritt tal-UE jipproteġi l-investimenti transkonfinali fl-UE kollha matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom

L-investimenti fis-suq uniku jistgħu jieħdu diversi forom, li jirriflettu r-realtà ekonomika b'ħafna aspetti. Id-dritt tal-UE jkopri u jipproteġi kwalunkwe forma ta' investiment. Fil-fatt, kull attività ekonomika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' mill-inqas waħda mil-libertajiet fundamentali[12] u l-libertajiet fundamentali japplikaw anki jekk l-objettiv tal-attività ma huwiex li tagħmel profitt[13].

Għall-kuntrarju tal-liġi internazzjonali tal-investiment, id-dritt tal-UE għandu t-tendenza li ma jużax it-termini 'investiment' u 'investitur' fil-kuntest tas-suq uniku, u l-operaturi ekonomiċi huma normalment imsejħa 'ċittadini' (individwi jew kumpaniji privati)[14], jew 'resident' jew 'mhux residenti'.

B'mod partikolari, id-dritt tal-UE jkopri u jipproteġi l-investimenti li jimplikaw il-movimenti u l-istabbiliment. Dawn it-termini jirreferu għal:

- L-atti ta' investiment fi, l-akkwist u t-twaqqif ta' kumpaniji;
- id-dritt li wieħed jakkwista, juża jew jiddisponi minn proprjetà immobbli;
- ix-xiri mill-ġdid tal-ishma u l-bonds negozjati kif ukoll elenkati fil-Borża;
- ir-riċevuta ta' dividendi u mgħax;
- l-allokar ta' krediti kummerċjali (inkluż krediti tal-konsumatur);
- l-akkwist ta' unitajiet ta' fond ta' investiment; il-mutwi ipotekarji, il-legati u s-selfiet, eċċ[15]. u
- l-akkwist ta' privattivi, marki kummerċjali u drittijiet oħra ta' proprjetà intellettwali[16].

Id-dritt tal-UE jipproteġi l-aċċess għas-suq, l-operazzjonijiet fis-suq u l-irtirar mis-suq.

---

[10] Il-QtĠ-UE ċċarat li, fid-dawl tal-objettiv tal-Ftehim taż-ŻEE li sabiex jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi d-dispożizzjonijiet tiegħu li huma essenzjalment identiċi għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, il-libertajiet fundamentali għall-protezzjoni tal-investiment japplikaw *mutatis mutandis* għall-investimenti bejn l-UE u l-Istati tal-EFTA msemmija hawn fuq. Ara C-476/10 Pepic, ECLI:EU:C:2011:422, para. 33-35 C-72/09 Établissements Rimbaud, ECLI:EU:C:2010:645, para. 20-22.

[11] C-452/01 Ospelt, ECLI:EU:C:2003:493, para. 29,

[12] C-452/04 Fidium-Finanz, ECLI:EU:C:2006:631, para. 32 .

[13] C-281/06 Jundt, ECLI:EU:C:2007:816, para. 33 .

[14] Kull persuna ġuridika inkorporata skont il-liġi tal-kumpanniji fis-seħħ fi Stat Membru hija persuna ġuridika skont l-Artikolu 54 TFUE u għalhekk igawdi mil-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat (ara pereżempju, C-6/16 Eqiom, ECLI:EU:C:2017:641, paras. 48-49).

[15] Hija ġurisprudenza stabbilita li d-Direttiva 88/361/KEE, flimkien man-nomenklatura annessa magħha, jistgħu jintużaw għad-definizzjoni ta' moviment tal-kapital, ara C-483/99, il-Kummissjoni vs Franza, ECLI:EU:C:2002:327 para. 36; Il-Kawżi Magħquda C-578/10 sa C-580/10 Van Putten, ECLI:EU:C:2012:246, para. 28 sa 36.

[16] C-255/97 Pfeiffer, ECLI:EU:C:1999:240.

*i) Aċċess għas-suq*

Il-ħolqien ta' sistema ġdida ta' attività ekonomika huwa protett prinċipalment permezz tal-libertajiet tas-suq tal-UE. Dawn huma: id-dritt tal-investituri li jittrasferixxu l-kapital lil Stati Membri oħra (Artikolu 63 TFUE), inklużi kemm fil-kapital fiżiku u dak finanzjarju (bħal makkinarju, fabbriki jew fatturi oħra tal-produzzjoni); u d-dritt li jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri oħra, jistabbilixxu aġenziji, fergħat jew sussidjarji (Artikolu 49 TFUE)[17]. Il-leġiżlazzjoni sekondarja tistabbilixxi limiti għal skemi ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jiġu imposti mill-Istati Membri[18] u tipprojbixxi ċerti tipi ta' rekwiżiti[19].

'Stabbiliment' tfisser b'mod partikolari l-bidu u s-segwiment ta' negozju bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni, fuq bażi stabbli u kontinwa, fil-ħajja ekonomika ta' Stat Membru differenti mill-Istat tal-oriġini.[20]

Għal investituri lesti li jinvestu b'mod transfruntier fl-UE, l-aċċess għall-akkwist pubbliku huwa element importanti tal-ekosistema tal-investiment Ewropew fejn jingħataw opportunitajiet indaqs ta' aċċess għas-suq. Ċerti tipi ta' offerti huma soġġetti għal regoli armonizzati dwar l-akkwist pubbliku[21]. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE jipprevedi li konċessjonijiet pubbliċi u offerti pubbliċi li jippreżentaw interess transfruntier għandhom jingħataw permezz ta' proċedura miftuħa u mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u proporzjonati[22].

[17] Investiment f'kumpanija jistgħu jieħdu l-forma ta' kontroll (investiment dirett) jew jistgħu jsiru għal finijiet ta' profitt, mingħajr ebda intenzjoni li jiġu kkontrollati jew influwenzati d-deċiżjonijiet (investiment tal-portafoll).

[18] Ara pereżempju l-Artikoli 5-13 tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi u s-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36) ("Direttiva dwar is-Servizzi").

[19] Pereżempju t-testijiet ekonomiċi ġew ipprojbiti skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

[20] C-221/89 Factortame, ECLI:EU:C:1991:320 para. 20.

[21] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65); Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243); Id-Direttiva 2014/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 094, 28.3.2014, p. 1); id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 0033) kif emendata sussegwentement.

[22] C-458/03 Parking Brixen, ECLI:EU:C:2005:605, para. 72; C-380/05, Centro Europa 7, ECLI:EU:C:2008:59, para. 120; Kawżi Magħquda C-458/14 u C-67/15 Promoimpresa, ECLI:EU:C:2016:558, para. 64-65.

**Eżempju 1 – Mezzi biex tiġi erċitata l-kompetizzjoni effettiva għal kumpaniji ġodda minn Stati Membri oħra**

C-442/02 - Caixa Bank

Franza ipprojbiet li l-banek joffru remunerazzjoni fuq kontijiet kurrenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali projbizzjoni kienet tikkostitwixxi, għal kumpanniji minn Stati Membri oħra barra Franza, ostaklu serju li jaffettwa l-aċċess effettiv tagħhom fis-suq Franċiż. Dik il-projbizzjoni għamlitha aktar diffiċli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sussidjarji ta' kumpaniji barranin li jiġbru l-kapital mill-pubbliku, billi ċaħdidthom mill-possibbiltà li jikkompetu b'mod aktar effettiv ma' istituzzjonijiet ta' kreditu tradizzjonalment stabbiliti fis-suq domestiku.

Billi l-projbizzjoni ta' remunerazzjoni fuq kontijiet kurrenti segwiet interess pubbliku leġittimu bħall-inkoraġġiment ta' tfaddil medju u fit-tul, din marret lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dan jikser il-libertà ta' stabbiliment.

*ii) L-operat fis-suq*

Ladarba l-investituri tal-UE jibdew joperaw negozju fi Stat Membru ieħor jew iwettqu tip ieħor ta' investiment, ikompli japplika d-dritt tal-UE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan jipproteġihom, b'mod ġenerali, kontra miżuri pubbliċi li jistgħu jċaħħdu lill-investituri mill-użu ta' proprjetà tagħhom jew li jillimitaw l-attività kummerċjali li huma jkunu involuti fiha, anki fejn tali miżuri japplikaw bl-istess mod għall-operaturi nazzjonali.[23]

L-investituri huma ħielsa li jinkorporaw kumpanija fi Stat Membru tal-għażla tagħhom u jwaqqfu stabbiliment sekondarju fi Stat Membru ieħor, irrispettivament minn fejn jew prinċipali tan-negozju kollu għandu jitwettaq[24]. L-Istati Membri jridu jirrikonoxxu kumpanniji kkostitwiti b'mod validu skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità legali tal-kumpanija li tressaq proċedimenti f'tilwima legali[25].

Jekk kumpanija Ewropea tixtieq tiċċaqlaq u tikkonverti ruħha f'kumpannija rregolata mid-dritt ta' Stat Membru ieħor, hija tibbenefika mil-libertà ta' stabbiliment. F'dan ir-rigward, l-Istat Membru tal-oriġini ma jistax jimponi xi restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq u l-konverżjoni ħlief għal raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u b'mod proporzjonat.[26] Pereżempju, il-likwidazzjoni mandatorja tal-kumpanija fl-istat tal-oriġini bħala kundizzjoni qabel it-

[23] Kawżi Magħquda C-52/16 u C-113/16 SEGRO, ECLI:EU:C:2018:157, para. 65; C-179/14 il-Kummissjoni v l-Ungerija, ECLI:EU:C:2016:108.
[24] C-212/97 Centros, ECLI:EU:C:1999:126; C-167/01 Inspire Art, ECLI:EU:C:2003:512, para. 105.
[25] C-208/00 Überseering, ECLI:EU:C:2002:632, para. 9.
[26] C-210/06 Cartesio, ECLI:EU:C:2008:723, para. 113.

trasferiment tagħha lejn Stat Membru ieħor hija sproporzjonata u, għalhekk, tmur kontra d-dritt tal-UE.[27] L-Istati Membri jistgħu jipprevjenu jew jippenalizzaw frodi f'konformità mad-dritt tal-UE. Madankollu, il-fatt li jiġi stabbilit uffiċċju rreġistrat jew reali ta' kumpanija fi Stat Membru ieħor bl-iskop li titgawda leġiżlazzjoni iktar favorevoli ma jikkostitwixxix, fih innifsu, abbuż.[28]

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet qafas li jippermetti lill-kumpaniji li joperaw faċilment fis-Suq Uniku, inkluż meta dawn jikbru u jirristrutturaw bejn il-fruntieri sabiex jadattaw għall-kondizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu[29]. L-inizjattiva tinkludi proċeduri komuni tal-UE għal diviżjonijiet u konverżjonijiet transfruntiera u taġġorna r-regoli eżistenti dwar il-fużjonijiet transfruntiera. Tistabbilixxi salvagwardji b'saħħithom li jipproteġu d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-impjegati, l-azzjonisti u l-kredituri, u sabiex tipprevjeni l-użu ta' dawn il-proċeduri biex jinħolqu skemi purament artifiċjali mmirati b'mod partikolari lejn il-ksib ta' vantaġġ fiskali indebitu, b'konformità mal-ġurisprudenza.

Kumpanija tal-UE li tixtieq tipprovdi servizzi fuq bażi temporanji minflok l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor hija intitolata li jkollha l-infrastruttura meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti[30]. L-Istati Membri jistgħu ma jagħmlux il-provvediment ta' servizzi fit-territorju tagħhom għall-konformità mal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal stabbiliment, ħaġa li tirrendi ineffettiva l-libertà li jiġu pprovduti servizzi[31]. Dan japplika pereżempju għall-kwalifiki professjonali[32], benefiċċji soċjali għall-impjegati[33], liċenzji tal-operat[34], obbligi ta' rappurtar komprensiv għall-fornituri tas-servizzi[35], jew obbligi komprensivi għat-traduzzjoni ta' dokumenti ta' appoġġ[36].

Barra minn hekk, l-investituri li jeżerċitaw attività ta' produzzjoni huma protetti wkoll peress li l-oġġetti li huma legalment preżenti fis-suq fi Stat Membru wieħed jistgħu, fil-prinċipju, jiġu nnegozjati b'mod liberu fis-suq uniku grazzi għall-moviment liberu tal-merkanzija[37]. Għadd ta' regoli tal-UE armonizzaw kwistjonijiet rilevanti u waqqfu mekkaniżmi sabiex il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jsir applikabbli fil-prattika fost l-Istati Membri għall-

[27] C-106/16 Polbud, ECLI:EU:C:2017:804, para. 65.
[28] C-106/16 Polbud ECLI:EU:C:2017:804, para. 62.
[29] Ara l-proposti tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-konverżjonijiet transfruntiera, fużjonijiet u diviżjonijiet: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM%3A2018%3A241%3AFIN
[30] C-55/94 Gebhard, ECLI:EU:C:1995:411, para. 27.
[31] C-76/90 Säger, ECLI:EU:C:1991:331, para. 13.
[32] C-342/14 X-Steuerberatungsgesellschaft, ECLI:EU:C:2015:827; C-76/90 Säger, ECLI:EU:C:1991:331, para. 21.
[33] C-272/94 Guiot, ECLI:EU:C:1996:147, paras 14 u 15.
[34] C-496/01 il-Kummissjoni v. Franza, ECLI:EU:C:2004:137, para. 65.
[35] C-577/10 il-Kummissjoni v il-Belġju ("Limosa"), ECLI:EU:C:2012:814, para. 47; C-490/04 il-Kummissjoni v il-Ġermanja, ECLI:EU:C:2007:430, para. 89.
[36] C-490/04 il-Kummissjoni v il-Ġermanja, ECLI:EU:C:2007:430, paras. 68 u 69.
[37] L-Artikoli 28 u 29 tat-TFUE.

moviment liberu tal-merkanzija[38].

Meta l-investituri jidħlu għal investiment transfruntier, jistgħu wkoll jimpjegaw ħaddiema fl-Istati ospitanti[39]. Il-ħaddiema tal-UE bl-istess mod għandhom id-dritt li jiċċaqalqu b'mod liberu (l-Artikolu 45 TFUE). Għal fornituri li joffru s-servizzi tagħhom temporanjament fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ospitanti ma jistax iżomm il-moviment tal-persunal, inklużi ħaddiema minn pajjiżi terzi, soġġett għal restrizzjonijiet mhux ġustifikati jew sproporzjonati bħall-obbligu li jiksbu permess tax-xogħol[40]. Bil-ħsieb li tirrikonċilja l-moviment liberu fis-suq uniku u l-protezzjoni tal-ħaddiema, il-liġi tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti tapplika għall-ħaddiema stazzjonati fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet elenkati fid-Direttiva 96/71/KE dwar Ħaddiema Stazzjonati[41].

Id-dritt tal-UE dwar is-suq uniku jestendi wkoll għar-regoli tat-taxxa, li huma ta' importanza kruċjali għall-investituri. Pereżempju, il-VAT, id-dazji tas-sisa u t-tassazzjoni fuq l-enerġija huma regolati mid-Direttivi tal-UE. Barra minn hekk, anki jekk, fl-istat attwali tad-dritt tal-UE, it-tassazzjoni diretta taqa' fi ħdan l-ambitu tal-kompetenza tal-Istati Membri, huma għandhom, madankollu, jeżerċitaw din il-kompetenza b'konformità mad-dritt tal-UE, inklużi l-libertajiet fundamentali[42]. Barra minn hekk, il-liġi sekondarja tal-UE tistabbilixxi wkoll xi limiti għal dik il-kompetenza nazzjonali. Pereżempju, sabiex tiġi żgurata n-newtralità fiskali, id-Direttiva dwar Kumpanniji Prinċipali u Sussidjarji[43] teżenta l-profitti li kumpannija sussidjarja tqassam lill-kumpannija prinċipali tagħha mit-taxxa f'ras il-għajn. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux unilateralment jintroduċu miżuri restrittivi u jissuġġettaw id-dritt għal eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn skont l-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva għal bosta kundizzjonijiet[44].

---

[38] Ara b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Pakkett dwar il-Prodotti: Insaħħu l-fiduċja fis-Suq Uniku" tad-19 ta' Diċembru 2017 (COM/2017/0787 final).
[39] C-201/15 AGET Iraklis, ECLI:EU:C:2016:972, para. 52.
[40] C-113/89 Rush Portuguesa, ECLI:EU:C:1990:142, para. 12.
[41] Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1). Ara d-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).
[42] C-319/02 Manninen, ECLI:EU:C:2004:484, para. 19.
[43] L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU L 345, 29.12.2011, p. 8).
[44] Kawżi Magħquda C-504/16 and 613/16 Deister Holding, ECLI:EU:C:2017:1009, para. 51-52 .

**Eżempju 2 — Fondi ta' residenti fi Stati Membri oħra jkollhom id-dritt għall-istess trattament fiskali bħall-fondi tal-pensjoni domestika**

C-493/09 — Il-Kummissjoni vs Il-Portugall

Taħt il-liġi Portugiża, id-dividendi li jaslu minn fondi ta' pensjoni Portugiża kienu eżenti mit-taxxa taħt il-kundizzjoni li l-ishma nżammu għal mill-inqas sena; min-naħa l-oħra, ġiet imposta taxxa minn ras il-għajn (fil-prinċipju ta' 20 %) fuq id-dividendi mħallsa lil fondi tal-pensjoni stabbiliti fi Stati Membri oħra għad-dħul miksub fit-territorju Portugiż. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-leġiżlazzjoni Portugiża tmur kontra l-moviment liberu tal-kapital, stabbilit fit-Trattat. Hija ddeċidiet li l-Portugall kien naqas li jiġġustifika trattament diskriminatorju tad-dividendi mħallsa lil fondi tal-pensjoni stabbiliti fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-fatt li l-fondi tal-pensjoni mhux residenti ma jistgħux, fl-ebda ċirkustanza, jibbenefikaw mill-eżenzjoni mogħtija lill-fondi tal-pensjoni residenti fil-Portugall ma kinitx proporzjonata fir-rigward tad-diffikultajiet allegati mill-Portugall fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni rilevanti u l-irkupru tad-dejn fiskali.

*iii) Ħruġ mis-suq*

Id-drittijiet tal-investituri skont id-dritt tal-UE jinkludu l-libertà li jiddeterminaw in-natura u l-firxa tal-attività ekonomika tagħhom. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja irrikonoxxiet ukoll id-dritt tal-operaturi ekonomiċi biex jiddeċiedu d-daqs tal-investiment tagħhom u l-libertà li sussegwentement tnaqqas l-attività tagħhom jew saħansitra jabbandunawha[45]. Din il-libertà tista' tiġi ppreġudikata biss għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq u b'mod proporzjonat.

## III. Id-dritt tal-UE jipproteġi lill-investituri kontra restrizzjonijiet mhux ġustifikati

Ir-restrizzjonijiet fuq l-investiment jistgħu jieħdu ħafna forom. Dawn jinkludu:

- il-projbizzjoni tal-akkwist ta' azjendi fil-kapital ta' kumpannija fi Stat Membru ieħor[46];
- projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' ishma fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass lill-investituri privati (jiġifieri l-projbizzjoni tal-privatizzazzjoni);
- projbizzjoni fuq il-fondi tal-pensjonijiet li jinvestu aktar minn 5 % tal-assi tagħhom barra mill-pajjiż[47];

[45] C-201/15 AGET Iraklis, ECLI:EU:C:2016:972, para. 53
[46] C-148/91 Veronica, ECLI:EU:C:1993:45 para. 8 et seq.
[47] C-271/09 Il-Kummissjoni v Il-Polonja, ECLI:EU:C:2011:855 para. 51 (restrizzjonijiet fuq il-fondi tal-pensjonijiet).

- regoli li jipprovdu għal depożitu obbligatorju ta' titoli maħruġa jew pagabbli barra l-pajjiż ma' korp bankarju jew bank barrani magħżul minn korp bankarju[48];
- id-drittijiet speċjali miżmuma mill-Istati Membri f'ċerti impriżi wara l-privatizzazzjoni tagħhom ("ishma tad-deheb")[49]; kif ukoll
- skemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal investiment fi proprjetà immobbli (pereżempju f'art agrikola)[50].

Madankollu, meta wieħed jillimita d-drittijiet tal-investituri tal-UE, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu konformi mal-limitazzjonijiet stipulati fid-dritt tal-UE.

1. **Id-diskriminazzjoni u r-restrizzjonijiet nazzjonali fuq id-drittijiet tal-investituri huma fil-prinċipju pprojbiti**

Skont it-Trattat, id-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità kif ukoll forom oħra ta' diskriminazzjoni, fil-prinċipju huma pprojbiti u huma legali biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Din il-projbizzjoni tkopri diskriminazzjoni indiretta u għaldaqstant testendi għal miżuri li jużaw kriterji li huma apparentement newtrali, imma fil-prattika jwasslu għal riżultat ekwivalenti għal diskriminazzjoni[51].

Il-leġiżlatur tal-UE ddikjarat bħala illegali kompletament kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, ta' natura diretta jew indiretta, f'ċerti oqsma li huma b'mod eżawrjenti jew parzjalment armonizzati, pereżempju fid-Direttiva dwar is-Servizzi jew fid-direttivi fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet[52].

Barra d-diskriminazzjonijiet, it-Trattat jipprevedi wkoll li restrizzjoni hija wkoll kwalunkwe miżura applikabbli[53] mingħajr distinzjoni li tista' tipprekludi, tiskoraġġixxu jew tirrendi inqas attraenti l-eżerċizzju ta' waħda mil-libertajiet fundamentali, anki jekk indirettament u potenzjalment.

Tali restrizzjoni hija pprojbita sakemm ma jkunx debitament iġġustifikat u konformi mal-

[48] C-157/85 Brugnoni, ECLI:EU:C:1986:258 para. 21.
[49] Dawn l-azzjonijiet bdew wara l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti legali li jikkonċernaw l-investimenti intrakomunitarji", 19 ta' Lulju 1997: http://eurlex.europa.eu/legalcontent/DE/TXT/HTML/?uri=CELEX: 31997Y0719(03)&from = en.
[50] Ara l-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar l-Akkwiżizzjoni ta' Art Agrikola u l-Liġi tal-Unjoni Ewropea:
http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/ALL/?uri=OJ:C:2017:350:TOC
[51] C-83/14 CHEZ Bulgaria, ECLI:EU:C:2015:480, para. 94. Diskriminazzjoni ma tippreżupponix li huma biss iċ-ċittadini barranin li huma privileġġati jew li jitqiegħdu fi żvantaġġ (C-388/01 il-Kummissjoni vs l-Italja, ECLI:EU:C:2003:30, para. 14).
[52] Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU 2002 L 108, 24.4.2002, p. 21) kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009 L 337, 18.12.2009, p. 37); Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU 2002 L 108, 24.4.2002, p. 33), kif emendata bid-Direttiva Nru 2009/140/KE; Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU 2002 L 249, tas-17.9.2002, p. 21).
[53] Jiġifieri ugwalment applikabbli kemm għaċ-ċittadini u kemm għall-barranin.

prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u d-drittijiet fundamentali, [54] anki jekk tkun ta' ambitu limitat jew ta' importanza żgħira,[55] u wkoll jekk meħuda mill-Istat Membru tad-domiċilju tal-investitur[56]. Din il-projbizzjoni tikkonċerna b'mod partikolari liġijiet nazzjonali, miżuri oħra li huma ġeneralment applikabbli, u deċiżjonijiet amministrattivi individwali.

| |
|---|
| **Eżempju 3 – L-obbligu ta' notifika għall-investituri jista' wkoll jikkostitwixxi restrizzjoni illegali**<br><br>C-577/10 – Commission v Il-Belġju ("Limosa")<br><br>Skont il-leġiżlazzjoni Belġjana, il-fornituri tas-servizzi minn barra l-pajjiż għandhom jibgħatu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dikjarazzjoni minn qabel bid-dettalji dwar l-attività tagħhom fil-Belġju. Il-Kummissjoni kkontestat din il-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha għal fornituri ta' servizzi li jaħdmu għal rashom.<br><br>Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rikors kien fondat. L-ewwel iddeċidiet li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-provvista ħielsa tas-servizzi. Il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-protezzjoni tal-ħaddiema, invokata mill-Belġju, huwa interess pubbliku leġittimu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja iddeċidiet li l-Belġju naqas li joffri ġustifikazzjoni konvinċenti biżżejjed dwar kif il-forniment ta' dik l-informazzjoni daqshekk dettaljata kien meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-interess pubbliku li fuqu tistrieħ u kif l-obbligu li tingħata dik l-informazzjoni minn qabel ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi, minkejja l-fatt li kien imissu sar hekk. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li f'dak il-kuntest kwalunkwe preżuppużizzjoni ta' abbuż minn operaturi ekonomiċi barranin ikun inkompatibbli mat-Trattat. |

## 2. Ir-restrizzjonijiet nazzjonali iridu jiġu ġġustifikati

Il-libertajiet tas-suq u d-drittijiet fundamentali mhumiex assoluti iżda jeħtieġ li jiġu bbilanċjati minn awtoritajiet pubbliċi ma' objettivi oħra ta' politika pubblika.

### a. Ċerti restrizzjonijiet qatt ma jistgħu jkunu ġustifikati

Ċerti tipi ta' restrizzjonijiet huma *per se* inkompatibbli mat-Trattat, pereżempju kundizzjonijiet ta' reċiproċità vis-à-vis Stati Membri oħra[57] jew preżunzjoni ta' frodi fir-rigward ta' barranin[58].

Barra minn hekk, xi tipi ta' restrizzjonijiet serji ġew kompletament illegali mil-leġiżlatur tal-

[54] C-492/14 Essent Il-Belġju, ECLI:EU:C:2016:732, para. 96-97.
[55] C-315/13 De Clercq, ECLI:EU:C:2014:2408, para. 61.
[56] C-384/93 Alpine Investments, ECLI:EU:C:1995:126, paras. 29 sa 31.
[57] C-5/94 Hedley Lomas, ECLI:EU:C:1996:205, paras. 19-20; C-266/03 Il-Kummissjoni v Il-Lussemburgu, ECLI:EU:C:2005:341, para. 35.
[58] C-577/10 Il-Kummissjoni v Il-Belġju ("Limosa"), ECLI:EU:C:2012:814, para. 53; C-106/16 Polbud, ECLI:EU:C:2017:804, para. 63.

UE (pereżempju l-“lista sewda” stabbilita fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tipprojbixxi l-obbligu li jkollhom stabbiliment primarju)[59].

Barra minn hekk, għal kwistjonijiet li m’humiex kompletament armonizzati, ir-regoli tal-UE jillimitaw is-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali jew tal-UE, pereżempju billi jiġu stabbiliti kriterji għal valutazzjoni prudenzjali ta’ holdings ikkwalifikati f’istituzzjonijiet finanzjarji[60].

b. Ċerti restrizzjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati minn objettivi pubbliċi leġittimi

Id-dritt tal-UE jippermetti restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali, sakemm dawn ikunu ġġustifikati minn objettivi espressament elenkati fit-Trattat. Pereżempju, l-Artikolu 52 tat-Trattat jippermetti restrizzjonijiet tal-libertà ta’ stabbiliment u l-forniment liberu ta’ servizzi għal raġunijiet ta’ politika pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika.

Ir-restrizzjonijiet li ma jiddiskriminawx abbażi tan-nazzjonalità, jista’ wkoll ikunu ġġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta’ interess ġenerali bħal dawk irrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn jinkludu:

- il-ħarsien tal-ambjent[61],
- il-koeżjoni tas-sistema tat-taxxa,[62]
- il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa,[63]
- iż-żamma ta’ komunità agrikola fis-seħħ u l-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni eċċessiva,[64]
- l-ippjanar tal-użu tal-art (pereżempju limitazzjonijiet fuq residenzi sekondarji)[65],
- il-protezzjoni tal-konsumatur[66],
- il-protezzjoni tal-ħaddiema[67], u
- il-protezzjoni tal-kredituri u l-azzjonisti minoritarji[68].

Il-lista ta’ raġunijiet prevalenti fl-interess pubbliku evolviet hekk kif il-ġurisprudenza tal-

[59] C-593/13 Rina Services, ECLI:EU:C:2015:399; C-179/14 Il-Kummissjoni v l-Ungerija, ECLI:EU:C:2016:108, para 47.

[60] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (CRD IV) (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338). Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (MiFID II) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349). Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

[61] C-400/08 Il-Kummissjoni v Spanja ("ċentri kummerċjali fil-Katalonja"), ECLI:EU:C:2011:172 para. 74. Ara wkoll l-artikolu 3(3) TEU u l-artikoli 11 u 191 TFEU.

[62] C-204/90 Bachmann, ECLI:EU:C:1992:35 para. 28.

[63] C-72/09 Etablissements Rimbaud, ECLI:EU:C:2010:645 para. 33 et seq.

[64] C-370/05 Festersen, ECLI:EU:C:2007:59 para. 27.

[65] C-213/04 Ewald Burtscher v Josef Stauderer, ECLI:EU:C:2005:731 para. 46.

[66] C-342/14 X-Steuerberatungsgesellschaft, ECLI:EU:C:2015:827 para. 53.

[67] C-341/05 Laval, ECLI:EU:C:2007:809 para. 103.

[68] C-106/16 Polbud, ECLI:EU:C:2017:804 para. 53.

Qorti rrikonoxxiet l-interessi dejjem jinbidlu tas-soċjetajiet tagħna. Madankollu, id-dritt tal-UE ma jippermettix miżuri nazzjonali li jirrestrinġu l-libertajiet fundamentali minħabba raġunijiet amministrattivi jew raġunijiet purament ekonomiċi[69]. Barra minn hekk, l-interessi pubbliċi leġittimi ammessi fit-Trattat u l-ġurisprudenza għandhom jiġu interpretati b'mod strett[70].

### 3. Ir-restrizzjonijiet kollha jeħtieġ li jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE (proporzjonalità, ċertezza legali u aspettattivi leġittimi)

Kwalunkwe miżura nazzjonali adottata minn Stat Membru fl-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li taffettwa d-drittijiet tal-investituri tal-UE għandha tikkonforma mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE applikabbli, li jistgħu jkunu speċifikati iktar fil-leġiżlazzjoni tal-UE[71].

L-ewwel, ir-restrizzjonijiet nazzjonali għandhom ikunu proporzjonati, li jfisser li d-dispożizzjonijiet restrittivi jkunu adegwati sabiex jintlaħaq l-objettiv intiż, inkluż il-fatt li huma għandhom iservu l-objettiv pubbliku leġittimu b'mod koerenti u sistematiku[72]. Ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-interess pubbliku[73]. Miżura restrittiva ma tkunx proporzjonata jekk ikun hemm miżura alternattiva possibbli li tista' tikseb l-interess pubbliku inkwistjoni b'mod li jkun anqas restrittiv għall-moviment liberu[74].

Fil-prattika l-prinċipju tal-proporzjonalità għandu rwol ċentrali. Il-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita skrutinju fil-fond f'dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tal-miżuri nazzjonali li jillimitaw l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali. Meta jkunu qed jivvalutaw il-proporzjonalità, iċ-ċirkustanzi fattwali u legali kollha jenħtieġ li jiġu kkunsidrati. Huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom juru li l-leġiżlazzjoni tagħhom hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, ir-raġunijiet li jistgħu jiġu invokati minn Stat Membru bħala ġustifikazzjoni għandhom ikunu sostnuti b'evidenza xierqa jew analiżi tal-adegwatezza u tal-proporzjonalità tal-miżura restrittiva[75].

| **Eżempju 4 — Esproprjazzjoni indiretta bħala restrizzjoni sproporzjonata tal-moviment liberu** |
|---|

[69] C-367/98 Il-Kummissjoni v il-Portugal, ECLI:EU:C:2002:326 para. 52; C-174/04 Il-Kummissjoni v l-Italja, ECLI:EU:C:2005:350 para. 37.
[70] Ara fost l-oħrajn il-Kawżi Magħquda C-52/16 u C-113/16 SEGRO u Horváth, ECLI:EU:C:2018:157, para. 96.
[71] Ara, f'dan is-sens, C-17/03 VEMW, ECLI:EU:C:2005:362, para. 57 et seq. Cf. ukoll f'dan il-kuntest C-195/12 Industrie du bois, ECLI:EU:C:2013:598.
[72] C-243/01 Gambelli, ECLI:EU:C:2003:597, para. 67; C-169/07 Hartlauer, ECLI:EU:C:2009:141, para. 55 u l-ġurisprudenza kkwotata hemmek.
[73] Kawżi Magħquda C-52/16 u C-113/16 SEGRO u Horváth , ECLI:EU:C:2018:157, para. 76.
[74] C-452/01 Ospelt, ECLI:EU:C:2003:493, para. 41.
[75] C-333/14 Scotch Whisky, ECLI:EU:C:2015:845, para. 53; Kawżi Magħquda C-52/16 and C-113/16 SEGRO u Horváth , ECLI:EU:C:2018:157, para. 85

**tal-kapital**

Kawżi Magħquda C-52/16 and C-113/16 – SEGRO u Horváth

Kumpannija Ungeriża (proprjetà ta' persuni fiżiċi residenti fil-Ġermanja) u ċittadin Awstrijak li akkwista, qabel it-30 ta' April 2014, drittijiet ta' użufrutt f'art agrikola li tinsab fl-Ungerija, li ġew irreġistrati fir-reġistru tal-proprjetà. Emendi rilevanti tad-dritt Ungeriż fl-2013 xejnu d-drittijiet kollha ta' użufrutt fuq art li tinħarat, sakemm ma jkunx jista' jiġi ppruvat li dawn kienu kkostitwiti bejn il-membri tal-istess familja. Konsegwentement, id-drittijiet tal-barranin tal-UE kkonċernati ġew ikkanċellati mir-reġistru tal-proprjetà.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-emendi tal-liġi tal-2013 imsemmija hawn fuq irrestrinġew il-moviment liberu tal-kapital peress li ċaħħdu lir-rikorrenti ta' tgawdija tal-proprjetà li fiha jkunu investew il-kapital kienu diskriminatorji fis-sens li l-emendi de facto kienu mmirati lejn il-barranin. Il-miżuri ma kinux xierqa biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi ta' politika pubblika (pereżempju, il-preservazzjoni tal-komunitajiet agrikoli vijabbli), lil hinn minn dak li kien neċessarju u setgħu jiġu ssostitwiti b'mezzi anqas restrittivi.

It-tieni, iċ-ċertezza legali hija prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li hija rilevanti wkoll għall-investituri. Tirrikjedi li r-regoli nazzjonali jew tal-UE jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, b'mod partikolari meta jistgħu jkollhom konsegwenzi sfavorevoli għall-individwi u l-impriżi[76]. Dik il-ħtieġa għandha tkun osservata kull ma jmur b'mod aktar strett fejn ir-regoli jista' jkollhom konsegwenzi negattivi għall-individwi privati u l-impriżi[77] jew fejn ir-regoli x'aktarx li jġorru magħhom konsegwenzi finanzjarji għall-persuni kkonċernati[78]. Meta l-awtoritajiet pubbliċi jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huma għandhom jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom abbażi ta' kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji, suffiċjentement speċifiċi u ċari, li jkunu magħrufa minn qabel[79].

Barra minn hekk, iċ-ċertezza legali tinkludi wkoll il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi[80]. Madankollu, huwa biss f'ċerti ċirkostanzi li l-investituri tal-UE jistgħu jikkontestaw l-emenda tar-regoli eżistenti jew l-adozzjoni ta' regoli ġodda li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE, fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tagħhom.

Sabiex tkun tista' tiġi invokata l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-operaturi ekonomiċi

---

[76] C-318/10 SIAT, ECLI:EU:C:2012:415, para. 58.

[77] C-17/03 VEMW, ECLI:EU:C:2005:362, para. 80; C-347/06 ASM Brescia, ECLI:EU:C:2008:416, para. 69; C-362/12 Test Claimants in the Franked Investment Income Group Litigation, ECLI:EU:C:2013:834, para. 44.

[78] C-17/01 Sudholz, ECLI:EU:C:2004:242, para. 34.

[79] C-169/07 Hartlauer, ECLI:EU:C:2009:141, para. 64; C-54/99 Association Église de Scientologie de Paris, ECLI:EU:C:2000:124, para. 22; C-483/99 Il-Kummissjoni v Franza ("Elf Aquitaine"), ECLI:EU:C:2002:327, para. 50.

[80] C-17/03 VEMW, ECLI:EU:C:2005:362, para. 73-74.

għandhom jaġixxu in bona fide[81] u b'mod prudenti u informat[82]. Dan ifisser li jekk investitur kien jaf jew kellu raġonevolment ikun jaf li s-sors tat-talba tagħhom, ir-regoli li fuqhom huma bbażaw l-allegazzjoni tagħhom, l-aġir tal-awtorità pubblika li timplimenta dawk ir-regoli jew tal-proċedura segwita minn din l-awtorità pubblika kienu jmorru kontra d-dritt tal-UE, dawn ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi[83].

L-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jistennew reġim legal li diġà jeżisti se jinżamm għal dejjem[84]. Min-naħa l-oħra, meta l-UE jew Stat Membru jieħu miżura ġdida b'mod li jaffettwa b'mod negattiv l-interessi tal-investituri, huma għandhom jipprovdu, jekk ikun neċessarju, adattamenti għar-regoli l-ġodda li jikkunsidraw is-sitwazzjoni partikolari tal-investituri affettwati, sakemm ma jkunx hemm raġuni sovrastanti fl-interess pubbliku li ma tħallihomx jipprovdu tali adattamenti[85].

**Eżempju 5 – Il-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi**

C-201/08 – Plantanol GmbH & Co

Il-liġi fiskali Ġermaniża tipprovdi eżenzjoni fiskali għal ċertu tip ta' bijofjuwil imħallat sa tmiem l-2009. L-eżenzjoni fiskali kienet irtirata fit-18 ta' Diċembru 2006, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri sentejn (2) sħaħ qabel id-data tal-iskadenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kontenut tal-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Madankollu, enfasizzat ukoll li, fejn investitur prudenti u informat ikun f'pożizzjoni fejn jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura ta' natura li taffettwa l-interessi tiegħu, ma jistax jinvoka dak il-prinċipju jekk il-miżura hija adottata. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din hija evalwazzjoni fattwali li għandha ssir mill-qorti nazzjonali, iżda kkonfermat li ċ-ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma tipprekludux, fil-prinċipju, Stat Membru milli jirtira sistema ta' eżenzjoni fiskali qabel id-data tal-iskadenza.

Fil-prinċipju, hu biss okkażjonalment li l-investituri tal-UE ikollhom bżonn jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li normalment dawn ikunu jistgħu jistrieħu fuq l-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat (inkluż il-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni) u fuq il-liġi sekondarja tal-UE. Fil-fatt, ir-regoli tal-

[81] C-316/88 Krücken, ECLI:EU:C:1988:201, paras. 23-24, C-5/89, Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja, ECLI:EU:C:1990:320, para. 14.
[82] C-310/04 Spanja v, ECLI:EU:C:2006:521, para. 81.
[83] C-24/95 Land Rheinland-Pfalz v Alcan Deutschland, ECLI:EU: 1997:163, paras. 25 u 49; C-169/95 Spanja v Il-Kummissjoni ECLI:EU:C:1997:10, para 51.
[84] C-17/03 VEMW, ECLI:EU:C:2005:362, para. 81; C-201/08 Plantanol, ECLI:EU:C:2009:539, para. 53.
[85] C-17/03 VEMW, ECLI:EU:C:2005:362, para. 81; C-201/08 Plantanol, ECLI:EU:C:2009:539, para. 49;

UE jipproduċu effetti legali mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom [86]. Huma wkoll applikabbli minnufih u vinkolanti fuq Stat Membru ġdid mid-data tal-adeżjoni tiegħu, bir-riżultat li japplikaw għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li tnisslu qabel l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid fl-UE[87].

### 4. Ir-restrizzjonijiet nazzjonali kollha jridu jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali

L-investituri transfruntieri jistgħu jinvokaw ukoll, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE, id-drittijiet fundamentali, bħal-libertà ta' intrapriża, id-dritt tal-proprjetà u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva meta wieħed jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE[88]. Meta Stat Membru (inkluż il-leġiżlatur nazzjonali) jieħu miżura li tidderoga minn waħda mil-libertajiet fundamentali garantita mid-dritt tal-UE, dik il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Għalhekk, il-protezzjoni garantita mid-dritt tal-UE, inklużi d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta, tapplika kompletament[89].

Il-libertà tal-intrapriża tista' tiġi invokata b'suċċess kontra restrizzjonijiet serji fuq il-libertà kuntrattwali tal-investitur[90]. Id-dritt għall-proprjetà (jiġifieri, li wieħed ikun sid, juża jew jiddisponi mill-possedimenti tiegħu stess akkwistati legalment) hija ta' importanza essenzjali għal kull reġim ta' protezzjoni tal-investiment. Skont il-liġi Ewropea, id-dritt fundamentali għall-proprjetà jestendi għal "proprjetà" fl-aktar sens wiesa' tal-kelma[91] u bl-istess mod ikopri t-tgawdija paċifika tad-dritt. Dan jinvolvi direttament id-dritt għal kumpens minħabba ċ-ċaħda mill-proprjetà fl-interess ġenerali[92]. Il-protezzjoni mogħtija fuq din il-bażi hija partikolarment importanti fil-każ ta' esproprjazzjoni jew miżuri ekwivalenti.

Madankollu, tali drittijiet ma humiex prerogattivi assoluti u l-eżerċizzju tagħhom jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mid-dritt tal-UE u jkunu proporzjonati. L-importanza tal-

---

[86] Kawżi Magħquda C-10/97 u C-22/97 IN.CO.GE.'90, ECLI:EU:C:1998:498, para. 23.
[87] C-122/96 Saldanha, ECLI:EU:C:1997:458, para. 14.
[88] Artikoli 16, 17 u 47 tal-Karta Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, safejn il-Karta jkun fiha drittijiet li jikkorrispondu ma' drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija; Din id-dispożizzjoni ma twaqqafx lil-liġi tal-Unjoni milli tipprovdi protezzjoni aktar estensiva.
[89] C-685/15 Online Games Handels, ECLI:EU:C:2017:452, para. 56.
[90] C-426/11 Alemo-Herron a.O. ECLI:EU:C:2013:521, para. 35.
[91] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet kemm-il darba li drittijiet simili għad-drittijiet ta' proprjetà jkunu koperti mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, peress li l-kunċett ta' "pussess" għandu tifsira awtonoma li mhix limitata għal sjieda ta' oġġetti fiżiċi; għalhekk, ċerti drittijiet u interessi oħra li jikkostitwixxu assi jistgħu jitqiesu wkoll bħala "drittijiet ta' proprjetà", u għalhekk bħala "possedimenti", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara, pereżempju, is-sentenzi Handyside v ir-Renju Unit, sentenza ta' 7 ta' Diċembru 1976; James v. UK tal-21 Frar 1986 rigward fond lokatizju; Wittek v. Il-Ġermanja tat-12 ta' Diċembru 2002 rigward użufrutt trasferibbli ta' biċċa art; Bruncrona v. Finland tas-16 ta' Frar 2005 rigward lokazzjoni).
[92] Kawżi Magħquda C-78/16 u C-79/16 Pesce a.O., ECLI:EU:C:2016:428, para. 86.

għanijiet segwiti mill-miżuri restrittivi tista' tiġġustifika konsegwenzi negattivi, anke ta' natura sostanzjali, għal ċerti operaturi. Madankollu, ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jikkostitwixxu, fir-rigward tal-għan imfittex, intervent sproporzjonata u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess ta' dawn id-drittijiet[93].

5. **L-investituri jistgħu jinvokaw ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE kontra l-miżuri nazzjonali**

Iridu jiġu żgurati kompetizzjoni mhux distorta u kundizzjonijiet ekwi fost l-impriżi fis-suq uniku tal-UE. Għalhekk, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat sakemm din ma tkunx kompatibbli mas-suq intern[94]. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumiex permessi li jirrikjedu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma li jmorru kontra l-Artikoli 101 jew 102 TFUE jew li jsaħħu l-effetti tagħhom, jew li jiddivestu r-regoli tagħhom stess min-natura ta' leġiżlazzjoni billi billi jiddelegaw ir-responsabbiltà għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-isfera ekonomika tal-operaturi ekonomiċi privati[95]. L-Artikoli 102 TFUE u 106(1) TFUE huma miksura wkoll meta miżura attribwibbli lil Stat Membru, u b'mod partikolari miżura li permezz tagħha Stat Membru jagħti drittijiet speċjali jew esklużivi fis-sens tal-Artikolu 106(1) KE, jagħti lok għal riskju ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti[96].

## IV. <u>L-infurzar tad-drittijiet tal-investituri skont id-dritt tal-UE</u>

Filwaqt li l-investiment internazzjonali (pereżempju trattati bilaterali ta' investiment) jiffoka primarjament fuq kumpens għall-investituri wara li l-vjolazzjoni tkun seħħet, id-dritt tal-UE jippermetti l-protezzjoni ta' investituri transfruntiera fl-UE permezz ta' diversi modi u f'livelli differenti. Investituri transfruntier huma protetti fl-UE permezz ta' numru ta' mekkaniżmi mmirati lejn il-prevenzjoni jew riżoluzzjoni ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tagħhom impenjati mil-leġiżlatur, l-amministrazzjoni jew il-ġudikatura. L-infurzar ġudizzjarju tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE huwa wieħed minn diversi soluzzjonijiet possibbli. Fejn l-eżekuzzjoni ġudizzjarja hija meqjusa bħala l-aktar soluzzjoni xierqa jew meta jkunu ġew eżawriti l-possibbiltajiet l-oħra, individwu jista' jinvoka sistema komprensiva u kompluta ta' rimedji ġudizzjarji skont id-dritt tal-UE.

1. **Mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' ksur u soluzzjonijiet barra mill-qorti**

[93] C-44/79 Hauer, ECLI:EU:C:1979:290, para. 15 et seq; C-5/88, Wachauf, ECLI:EU:C:1989:321, para. 18.
[94] Ara partikolarment l-Artikoli 107 sa 109 TFUE
[95] C-198/01 CIF, ECLI:EU:C:2003:430, para. 46.
[96] C-49/07 MOTOE, ECLI:EU:C:2008:376, para. 50; C-553/12 P, C-553/12 P Commission v Greece ("DEI"), paras. indipendenza, effiċjenza u responsabilitajiet, paragrafi 41-43.

***Skrutinju minn qabel ta' miżuri nazzjonali li jistgħu jfixklu d-drittijiet tal-individwu taħt id-dritt tal-UE***

Il-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-individwi taħt id-dritt tal-UE hija ta' valur partikolari għall-investituri, li għandhom ħtieġa partikolari li jippjanaw u jwettqu d-deċiżjonijiet ekonomiċi tagħhom f'ambjent regolatorju stabbli u prevedibbli.

Bil-ħsieb li jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali fost l-intrapriżi fis-suq uniku, l-Artikolu 108 tat-TFUE stabbilixxa sistema ta' notifika minn qabel li għandha l-għan li tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura l-kompatibilità ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat (inkluża leġiżlazzjoni nazzjonali) mas-Suq Uniku qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

Fir-rigward tar-regoli tal-UE dwar il-moviment liberu, il-leġiżlatur stabbilixxa obbligu għall-Istati Membri li jinnotifikaw ċerti miżuri ta' natura leġiżlattiva jew amministrattiva qabel l-adozzjoni tagħhom u jissottomettihom għal skrutinju mill-Kummissjoni Ewropea u, skont kif ikun il-każ, mill-Istati Membri l-oħra. Billi f'xi każijiet il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biss li toħroġ rakkomandazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat,[97] f'każijiet oħra, il-Kummissjoni għandha s-setgħa mil-leġiżlatur li toħroġ deċiżjonijiet skont l-Artikolu 288 TFUE, li huma vinkolanti fuq l-Istat Membru kkonċernat[98]. Din is-setgħa deċiżjonali għall-Kummissjoni hija differenti u separata mis-setgħa tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar ksur imwettaq mill-Istati Membri[99]. Pereżempju, id-Direttiva dwar is-Servizzi[100] tikkonferixxi fuq il-Kummissjoni s-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' ċerti ostakli nazzjonali ġodda identifikati mil-leġiżlatur tal-UE bħala partikolarment ta' ħsara għall-kisba ta' suq uniku għal ċerti servizzi. Sabiex il-proċedura ta' notifika tkun effettiva fil-prattika, dan l-aħħar il-Kummissjoni pproponiet id-"Direttiva ta'

---

[97] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabilixxi proċedura għall-għoti ta' infomazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1). L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ċerti regolamenti tekniċi qabel l-adozzjoni tagħhom, hija intiża, permezz ta' kontroll preventiv, biex tipproteġi l-moviment liberu tal-merkanzija u s-servizzi, li huwa wieħed mill-pedamenti tal-Unjoni u, sabiex tali kontroll ikun effettiv, l-abbozzi ta' regolamenti tekniċi kollha koperti minn din id-direttiva għandhom ikunu nnotifikati u, ħlief f'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati b'urġenza, l-adozzjoni tagħhom jew id-dħul fis-seħħ għandhom ikunu sospiżi matul il-perjodi stabbiliti f'din id-direttiva (ara, fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, C-443/98 Unilever, ECLI:EU:C:2000:496, para. 40 et seq.). Ara wkoll, pereżempju, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE.

[98] Ara, pereżempju, l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE, tal-15 ta' Ottubru 1996, dwar l-aċċess għas-suq tas-servizzi fuq l-art fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36). Abbażi ta' dak ir-Regolament il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni f'mill-inqas 10 każijiet konkreti, u kultant ħarġet deċiżjoni negattiva fir-rigward tal-miżura restrittiva proposta. Ara wkoll l-Art. 3(2) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95,15.4.2010, p. 1).

[99] Każijiet Magħquda C-15/76 u C-16/76 Franza v Il-Kummissjoni, ECLI:EU:C:1979:29, paras. 26-28; C-325/94 P An Taisce, ECLI:EU:C:1996:293, para. 25.

[100] Ara l-Artikolu 15(7) tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Notifika"[101].

**Eżempju 6 – Miżura li timponi t-trasferiment ta' ċerti titjiriet minn Linate għall-ajruport ta' Malpensa**

Kawża C-361/98 – L-Italja v Il-Kummissjoni ("Malpensa")

Ir-Regolament 2408/92 għandha l-għan li tirrendi l-provvista libera ta' servizzi applikabbli fis-settur tat-trasport bl-ajru. L-Italja adottat, f'Lulju 1996 u Ottubru 1997 rispettivament, iż-żewġ digrieti fejn it-traffiku kollu tal-ajru se jiġi trasferit mill-ajruport ta' Linate, qrib iċ-ċentru ta' Milan, sa ajruporti oħrajn aktar 'il bogħod, soġġetti għal eċċezzjoni li, fil-prattika, huwa biss ir-rotta Barċellona-Madrid.

Wara lmenti minn trasportaturi bl-ajru internazzjonali, fl-16 ta' Settembru 1998 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tipprojbixxi miżuri leġiżlattivi Taljani inkwistjoni. Dik id-deċiżjoni ġiet adottata taħt l-Art. 8 Reg. 2408 li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-miżuri nazzjonali li jirregolaw id-distribuzzjoni tat-traffiku għad-detriment tal-fornituri tas-servizzi fis-settur tat-trasport bl-ajru. Il-Kummissjoni kkunsidrat fid-deċiżjoni tagħha li l-miżura Taljana inkwistjoni kienet indirettament diskriminatorja u sproporzjonata. L-Italja ikkontestat dil-miżura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fejn qajmet numru ta' motivi kemm fir-rigward tas-setgħa tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni mwettqa.

Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-kontestazzjoni tal-Italja. Il-Qorti ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha kull dritt li teżamina, l-ewwel nett, jekk il-miżuri nazzjonali ppromulgati bid-digrieti inkwistjoni jimponux restrizzjonijiet li huma apparentement applikabbli mingħajr distinzjoni u, t-tieni, jekk dawk ir-restrizzjonijiet humiex tali li jistgħu jiksbu l-objettiv li jimmiraw għalih, mingħajr ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dan jintlaħaq. Hija eżaminat il-valutazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha u sabet li l-ebda wieħed mid-diversi motivi mressqa mill-Italja ma kien fondat.

### *L-applikazzjoni mill-amministrazzjoni ta' regoli f'konformità mad-dritt tal-UE*

L-amministrazzjonijiet nazzjonali huma normalment l-ewwel u l-aktar interlokuturi komuni li jiffaċċjaw l-investituri fi Stat Membru meta jibda investiment jew fil-kors tat-tmexxija tan-negozju tagħhom. L-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali għandhom japplikaw id-dritt tal-UE b'mod effettiv, jinterpretaw il-liġi nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-UE, jwarrbu r-regoli nazzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-UE u jagħmlu tajjeb għall-konsegwenzi ta' ksur tad-dritt tal-UE (eż. ħlas lura ta' ħlasijiet indebiti). Dawn il-prinċipji, li jirriżultaw mid-dover tal-Istati Membri ta' kooperazzjoni sinċiera skont l-Artikolu 4(3) TUE u s-supremazija tad-

[101] Il-Proposta għal Direttiva dwar l-infurzar tad-Direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi (COM(2016) 821 final).

dritt tal-UE,[102] jippermettu l-applikazzjoni korretta u effettiva tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE, mingħajr il-ħtieġa li jirrikorru għal mezzi ġudizzjarji. Dawn iridu jiġu segwiti, anki jekk ir-regoli proċedurali nazzjonali ma jipprovdux għalihom espressament[103].

**Eżempju 7 — Diżapplikazzjoni tar-regoli nazzjonali minn korpi amministrattivi**

Kawża C-476/10 – Pepic

Żewġ ċittadini tal-Liechtenstein ġew miċħuda l-awtorizzazzjoni meħtieġa mil-liġi Awstrijaka għax-xiri ta' residenzi sekondarji minn ċittadini barranin.

Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kawża fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-moviment liberu tal-kapital tal-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE, li hija sabet li għandhom l-istess kamp ta' applikazzjoni ġuridiku tal-Artikolu 63 TFUE. Qabel kollox, il-Qorti sabet li r-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni jikkostitwixxi diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità. Sussegwentement, il-Qorti ddikjarat li l-korpi amministrattivi nazzjonali kollha għandhom jirrispettaw is-supremazija tal-liġi tal-Unjoni u, għalhekk, għandhom jinjoraw leġiżlazzjoni nazzjonali diskriminatorja bħal din.

Kwalunkwe persuna għandha d-dritt għas-smigħ meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jieħdu miżuri individwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li jistgħu jaffettwaw dik il-persuna.[104] L-amministrazzjoni għandha tapplika r-regoli b'mod imparzjali, filwaqt li tqis l-informazzjoni relevanti kollha u mingħajr ebda diskriminazzjoni, [105]u għandha tipprovdi raġunament xieraq għad-deċiżjonijiet tagħha[106]. Meta Stat Membru jiġbor taxxi bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-UE, huwa, fil-prinċipju, obbligat jirrimborsa l-ammonti rilevanti, bl-interessi[107].

Filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal soluzzjonijiet rapidi barra mill-qorti għall-problemi transfruntiera tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri waqqfu SOLVIT fl-2002. SOLVIT għandu l-għan li jipprovdi soluzzjonijiet prammatiċi liċ-ċittadini u lin-negozji tal-UE/taż-ŻEE meta dawn iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex id-drittijiet tal-UE tagħhom ikunu rispettati mill-awtoritajiet pubbliċi. Fil-Komunikazzjoni tagħha *Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Rinfurzar ta' SOLVIT*: Inwasslu l-benefiċċji tas-Suq Uniku liċ-ċittadini u

[102] Ara, fost l-oħrajn, C-103/88 Costanzo, ECLI:EU:C:1989:256, para. 32; C-224/97 Ciola, ECLI:EU:C:1999:212, para. 30; C-341/08 Petersen, ECLI:EU:C:2010:4, para. 80.
[103] Ara, f'dak is-sens, C-349/07 Sopropé, ECLI EU:C:2008:746, para. 38.
[104] C-349/07 Sopropé, ECLI EU:C:2008:746, para. 36.
[105] C-55/94 Gebhard, ECLI:EU:C:1995:411, para. 37; C-269/90 Technische Universität München, EU:C:1991:438, para. 14.
[106] C-19/92 Dieter Kraus, ECLI:EU:C:1993:125, para. 40; C-34/17 Donnellan, ECLI:EU:C:2018:282, para. 55.
[107] Kawżi Magħquda C-10/97 to C-22/97 IN.CO.GE.'90, ECLI:EU:C:1998:498, para. 24; C-591/10 Littlewoods Retail a.O., ECLI:EU:C:2012:478, paras. 25-26; C-69/14 Dragoş, ECLI:EU:C:2015:662, para. 24 u l-ġurisprudenza ikkwotata hemmek

lin-negozji,[108] il-Kummissjoni hija impenjata li, flimkien mal-Istati Membri, tieħu passi ulterjuri biex issaħħaħ ir-rwol strateġiku ta' SOLVIT biex dan jagħmel is-Suq Uniku jaħdem aħjar fil-prattika għaċ-ċittadini u għan-negozji.

## 2. Protezzjoni ġudizzjarja effettiva għad-drittijiet tal-investituri skont id-dritt tal-UE

***Sistema kompleta ta' rimedji ġudizzjarji fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri***

Skont l-Artikolu 19(1) TUE, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni[109]. Skont l-Artikolu 47 tal-Karta, li huwa applikabbli direttament, kulħadd għandu d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust[110]. Is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali fl-Unjoni huma soġġetti għal standards tal-indipendenza, tal-kwalità u l-effiċjenza, spjegati f'ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)[111].

***Għadd kbir ta' rimedji huma disponibbli għall-individwi quddiem il-qrati nazzjonali***

Għadd ta' rimedji ġudizzjarji huma disponibbli għall-individwi quddiem il-qrati nazzjonali, li b'mod partikolari jikkonsistu:

- f'miżuri provviżorji (provvediment provviżorju),[112]
- fl-obbligu li l-liġi nazzjonali tiġi interpretata b'mod li jkun konsistenti mad-dritt tal-UE,[113]
- fl-obbligu għall-imħallef li jannulla ex officio kwalunkwe att (anke ta' natura kostituzzjonali) li huwa f'kunflitt mad-dritt tal-UE,[114]
- fl-eliminazzjoni tal-konsegwenzi ta' ksur tad-dritt tal-UE,[115]
- fl-għoti ta' danni għal ksur tad-dritt tal-UE (inkluż għal infrazzjonijiet ġudizzjarji)[116].

[108] http://ec.europa.eu/solvit/_docs/2017/com-2017-255_en.pdf
[109] C-64/16 Associação Sindical dos Juízes Portugueses, ECLI:EU:C:2018:117, para. 29.
[110] C-414/16 Vera Egenberger, ECLI:EU:C:2018:257, para. 78.
[111] Ara l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija rilevanti għall-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali, peress li l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li, meta d-drittijiet stipulati f'din il-Karta jikkorrispondu għal drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, it-tifsira u l-kamp tal-applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu l-istess, sakemm id-dritt tal-UE tagħti protezzjoni ogħla.
[112] C-213/89 Factortame, ECLI:EU:C:1990:257; Kawżi Magħquda C-143/88 u C-92/89 Zuckerfabrik, Süderdithmarschen ECLI:EU:C:1991:65.
[113] C-106/89 Marleasing ECLI:EU:C:1990:395; C-91/92 Faccini Dori, ECLI:EU:C:1994:292.
[114] Kawżi Magħquda C-188/10 u 189/10 Melki and Abdeli, ECLI:EU:C:2010:363, paras. 43-44. Dan l-obbligu jestendi għal twarrib ġurisprudenza konfliġġenti: ara C-689/13 Puligienica, ECLI:EU:C:2016:199, para. 38.
[115] C- 503/04 Il-Kummissjoni v Il-Ġermanja, ECLI:EU:C:2007/432, paras. 33 et seq.; C-276/07 Delay, ECLI:EU:C:2008:282, para. 23. Ara wkoll hawn taħt rigward il-ħlas lura ta' taxxi miġbura b'mod illegali.
[116] Ara ex multis Kawżi Magħquda C-6/90 u C-9/90 Francovich, ECLI:EU:C:1991:428; C-224/01 Köbler, ECLI:EU:C:2003:513.

Dawk ir-rimedji jsibu bażi legali diretta fid-dritt tal-UE. Għalhekk, meta l-kundizzjonijiet ikunu ssodisfati l-qrati nazzjonali jridu jipprovduhom irrispettivament minn jekk humiex stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew le. Fl-istess ħin, is-sentenzi nazzjonali jistgħu jiġu infurzati permezz tal-għodod kollha previsti fil-liġi nazzjonali.

**Eżempju 8 — Rimedji ġudizzjarji bbażati fuq id-dritt tal-UE minkejja l-liġi kostituzzjonali nazzjonali**

Kawża C-213/89 – Factortame u Kawżi Magħquda C-46/93 u C-48/93, Brasserie du Pêcheur u Factortame

Għadd ta' kumpaniji, sidien jew operaturi ta' bastimenti tas-sajd, kienu mċaħħda mid-dritt tagħhom ta' drittijiet tas-sajd wara li l-awtoritajiet tar-Renju Unit adottaw regoli ġodda u diskriminatorji. Il-kumpaniji applikaw għal rieżami ġudizzjarju u għall-għoti ta' provvedimenti provviżorji. Il-House of Lords irrikonoxxiet li r-rikorrenti isofru ħsara irreparabbli jekk il-provvedimenti provviżorji li huma mfittxija ma ngħatawx u dawn kienu ta' suċċess fil-kawża prinċipali. Madankollu, skont il-liġi nazzjonali, il-qrati Ingliżi ma kellhomx is-setgħa li jagħtu provvedimenti provviżorji f'każ bħal dan. B'mod aktar speċifiku, l-għoti ta' tali eżenzjoni kien prekluż mir-regola antika tal-common law li ma tistax tingħata inibizzjoni kawtelatorja kontra l-Kuruna, jiġifieri kontra l-gvern, flimkien mal-preżunzjoni li Att tal-Parlament hija f'konformità mad-dritt tal-Unjoni sakemm deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tagħha ma' dik il-liġi ġiet mogħtija. Il-House of Lords irreferiet il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din tal-aħħar wieġbet li qorti nazzjonali li, f'kawża mressqa quddiemha li tikkonċerna d-dritt tal-Unjoni, tikkunsidra li l-uniku ostakolu li jipprekludi milli tingħata provvediment provviżorju hija regola tal-liġi nazzjonali, li ma tapplikax din ir-regola.

F'referenza ulterjuri minn Qorti oħra tar-Renju Unit, li tikkonċerna l-istess investituri, il-Qorti sabet li l-Istati Membri huma obbligati jagħmlu tajjeb għad-dannu kkawżat lil individwi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Istat huwa applikabbli fejn il-leġiżlatura nazzjonali tkun responsabbli għall-ksur inkwistjoni. Barra minn hekk, il-kumpens ta' telf jew dannu ma jistax tkun kundizzjonali fuq it-tort (intenzjonat jew b'negliġenza min-naħa tal-organu Statali responsabbli għall-ksur, li jmur lil hinn minn dak ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom obbligu, skont id-dritt tal-UE, biex idaħħlu fis-seħħ proċeduri effettivi li jippermettu liċ-ċittadini u lin-negozji, inklużi l-investituri, li jitolbu danni għal ksur tad-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-UE mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li investituri transfruntiera jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet fil-pretensjoni ta' responsabbiltà tal-Istat minħabba d-diversità tal-liġijiet proċedurali nazzjonali. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tistabbilixxix biss il-prinċipju ta' responsabbiltà bħal din, iżda tistabbilixxi wkoll numru ta' rekwiżiti minimi għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-UE[117].

[117] Fil-prinċipju, il-kundizzjonijiet sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istati Membri għal danni kkawżati lill-individwi minn ksur tad-dritt tal-UE ma tvarjax minn l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha għal tali dannu skont l-Artikolu 340(2) TFUE; Kawżi Magħquda C-46/93 u C-48/93

***Ir-rekwiżiti tal-UE u appoġġ rigward l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura nazzjonali***

L-indipendenza tal-ġudikatura nazzjonali huwa prinċipju komuni għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri u tad-dritt tal-UE[118], u hija rikonoxxuta bħala essenzjali biex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva[119]. Il-garanziji tal-indipendenza u tal-imparzjalità jeżiġu regoli dwar il-kompożizzjoni ta' korp ġudizzjarju u l-ħatra, it-tul tal-funzjonijiet kif ukoll ir-raġunijiet għal astensjoni, ta' rikuża u tat-tneħħija mill-kariga tal-membri tiegħu. Dan isir biex jitneħħa kull dubju raġonevoli mill-imħuħ tal-individwi fir-rigward l-impermeabbiltà ta' dak il-korp għal fatturi esterni u n-newtralità tiegħu fir-rigward tal-interessi quddiemu[120].

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni *Id-dritt tal-UE*: *Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar*[121], il-Kummissjoni tħeġġeġ u tgħin lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom li jinfurzaw id-dritt tal-UE u jipprovdu rimedji sabiex jiġi żgurat li l-utenti finali tad-dritt tal-UE, humiex individwi privati jew negozji, ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ.

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-modernizzazzjoni tal-awtoritajiet ta' infurzar permezz tas-Semestru Ewropew u, meta meħtieġ, permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika. Il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri biex ittejjeb aktar l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji, inkluż l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tagħhom. It-titjib fl-effettività tas-sistemi ġudizzjarji huwa prijorità fis-Semestru Ewropew u l-Kunsill regolarment jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fuq it-titjib tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni.

L-UE tappoġġa finanzjarjament ċerti r-riformi tal-ġustizzja permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Bejn l-2007 u l-2023, 16-il Stat Membri se jkunu nefqu aktar minn EUR 900 miljun biex iżidu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom[122]. Il-fondi tal-UE pereżempju iffaċilitaw l-introduzzjoni ta' sistemi ta' amministrazzjoni ta' każijiet ġodda u ta' servizzi elettroniċi faċli għall-utent fil-qrati.

***Il-proċeduri nazzjonali għandhom jiżguraw l-infurzar effettiv tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE***

Ħlief għar-Regolament 1215/2012[123] li huwa intiż li jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod

---

Brasserie du Pêcheur u Factortame, ECLI:EU:C:1996:79 paras. 40 sa 42.
[118] L-Artikolu 47(2) tal-Karta u l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
[119] C-64/16 Associação Sindical dos Juízes Portugueses, ECLI:EU:C:2018:117, para. 41.
[120] C-506/04 Wilson, ECLI:EU:C:2006:587, paras. 50-53.
[121] Komunikazzjoni "*Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar* (2017/C18/02) disponibbli hawn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2017.018.01.0010.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2017%3A018%3ATOC
[122] It-tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2018, disponibbli hawn https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/justice_scoreboard_2018_en.pdf, figures 2 and 3.
[123] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-

partikolari billi jipprovdi r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-UE f'każijiet transfruntieri u dwar rikonoxximent rapidu u sempliċi u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[124], id-dritt tal-UE normalment iħalli r-regoli proċedurali li għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali[125]. Madankollu hemm xi eċċezzjonijiet, pereżempju d-Direttiva dwar ir-Rimedji li tarmonizza l-aspetti proċedurali relatati ma' infurzar u rimedji fil-qasam tal-akkwist pubbliku[126].

Anki meta d-dritt tal-UE ma jarmonizzax il-proċeduri, f'kull każ jistabbilixxi rekwiżiti minimi fir-rigward ta' dawn. Pereżempju, il-proċeduri għall-infurzar tad-drittijiet tal-UE ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (*il-prinċipju ta' ekwivalenza*) u ma għandhomx fil-prattika jagħmlu impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet (*il-prinċipju tal-effettività*)[127]. L-ispiża tal-proċedura jeħtieġ li ma tkunx għolja b'mod projbittiv u għandha tingħata l-għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja, inkluż, meta jkun ġustifikat, għal persuni ġuridiċi[128]. Barra minn hekk, l-individwi għandhom id-dritt li jkollhom il-każ tagħhom deċiż u infurzati fi żmien raġonevoli[129].

**Eżempju 9 – Diżapplikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni fid-dawl ta' imġiba qarrieqa mill-awtoritajiet nazzjonali**

Kawża C-327/00 – Santex

Kumpanija Taljana kienet miżmuma milli tipparteċipa fi proċedura ta' sejħa għall-offerti minħabba nuqqas ta' konformità ma' waħda mill-klawżoli inklużi fl-avviż tas-sejħa għal offerti. Wara l-pubblikazzjoni tal-avviż, l-awtorità kontraenti kienet indikat lill-applikant li, minħabba l-argumenti kontra l-konformità ta' din il-klawżola mad-dritt tal-UE, hija tinterpreta dan b'mod li tippermettilhom jipparteċipaw; madankollu, aktar tard kienet ta' fehma opposta u ddeċidiet li teskludihom mis-sejħa għall-offerti. Il-limiti ta' żmien nazzjonali għall-kontestazzjoni tal-avviżi għall-offerti kien skada

ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1-32

[124] Ir-Regolament 1215/2012 japplika biss f'kawżi relatati ma' 'materji ċivili u kummerċjali'. Għalhekk, ma japplikax f'tilwimiet li jinvolvu parti (pereżempju awtorità tal-Istat) li jeżerċita s-setgħat pubbliċi. Fil-qasam ta' materji ċivili u kummerċjali, hemm ukoll diversi Regolamenti li jistabbilixxu proċeduri Ewropej speċifiċi li jistgħu jintużaw minn investituri, bħar-Regolament Ewropew dwar l-Ordni ta' Ħlas (18796/2006) jew ir-Regolament Ewropew tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (655/2014).

[125] C-362/12,Test Claimants in the Franked Investment Income Group Litigation, ECLI:EU:C:2013:834, para. 31.

[126] Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettivita' ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntatti pubbliċi (ĠU L 335, 20.12.2007, p. 31).

[127] C-169/14 Sánchez Morcillo, ECLI:EU:C:2014:2099, para. 31.

[128] C-279/09 DEB, ECLI:EU:C:2010:811, para. 59.

[129] C-612/15 Kolev, ECLI:EU:C:2018:392, para. 70-72.

meta l-każ ġie ppreżentat lill-qorti.

Il-Qorti sabet li, b'mod ġenerali, il-limitu ta' żmien stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kien raġonevoli u b'hekk kien jiżgura, fil-prinċipju, ċertezza legali għall-parteċipanti fl-offerta. Madankollu, il-Qorti kkunsidrat li ċ-ċirkostanzi ta' kull każ iridu jiġu kkunsidrati biex jiġi determinat jekk l-effettività tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE ma jkunu tqiegħdu fil-periklu. F'din il-kawża, il-Qorti sabet li l-aġir tal-awtorità kontraenti kien ħoloq stat ta' inċertezza u li huwa biss fl-istadju tad-deċiżjoni ta' esklużjoni li dik l-inċertezza ixxejnet għalkollox. L-awtorità għalhekk irrendiet l-eżerċiżżju eċċessivament diffiċli min-naħa tal-offerent li ġarrab id-dannu għad-drittijiet ikkonferiti lilu mid-dritt tal-UE. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni il-qorti nazzjonali, sabiex tippermetti lill-attur biex iqajjem l-eċċezzjoni tal-inkompatibbiltà tal-klawżola tal-offerta mad-dritt applikabbli tal-UE, għandha tinterpreta r-regoli nazzjonali dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni f'konformità mal-prinċipju tal-UE tal-effettività jew, jekk tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, tiddiżapplikahom.

### *Tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

Il-qrati nazzjonali jaġixxu bħala 'qrati tal-UE' u huma taħt obbligu li jiddiżapplikaw mill-mozzjoni tagħhom stess kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE li għandhom effett dirett. Fejn l-infurzar tad-drittijiet tal-UE jiddependi fuq kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE quddiem qorti nazzjonali, dik il-qorti tista' titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari. Meta tali kwistjoni titqajjem quddiem qorti jew tribunal li ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali fil-konfront tad-deċiżjonijiet tagħhom, dik il-qorti jew dak it-tribunal iridu jressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[130]. Id-domandi preliminari jistgħu jkunu wkoll rigward il-validità tar-regoli tal-UE: fejn dawn il-kwistjonijiet ikunu rilevanti, qorti jew tribunal nazzjonali għandu jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha kompetenza esklużiva li tistħarreġ il-validità ta' atti tal-UE[131]. Sabiex organu jikkwalifika bħala "qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru" skont l-Artikolu 267 TFUE, u biex b'hekk ikun jista' jagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, jrid jissodisfa numru ta' kriterji[132]. Arbitri privati u tribunali tal-arbitraġġ stabbilit fit-TIB intra-UE ma jissodisfawx dawn il-kriterji u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala "qrati ta' tribunali" skont l-Artikolu 267 TFUE[133].

[130] L-Artikolu 267 TFUE.
[131] C-314/85 Foto-Frost, ECLI:EU:C:1987:452.
[132] Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tqis numru ta' fatturi, bħall-kwistjoni ta' jekk il-korp huwiex stabbilit mil-liġi, jekk huwiex permanenti, jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hix obbligatorja, jekk il-proċedura hix inter partes, jekk japplikax regoli ta' liġi u jekk hux indipendenti (C-54/96 Dorsch Consult, ECLI:EU:C:1997:413, para. 23).
[133] Ara, rispettivament, C-102/81 Nordsee, ECLI:EU:C:1982:107, para. 10 to 13, u C-284/16 Achmea, ECLI:EU:C:2018:158, para. 43 et seq.

L-interpretazzjoni mogħtija f'deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja hija vinkolanti fuq il-qorti nazzjonali, għall-finijiet tad-deċiżjoni li għandha tingħata fil-proċediment prinċipali[134]. L-awtoritajiet nazzjonali kollha huma obbligati li jieħdu kwalunkwe miżura, kemm jekk ġenerali kif ukoll partikolari, sabiex tkun konformi ma' deċiżjoni preliminari mill-aktar fis possibbli[135]. M'hemmx bżonn li l-imħallef nazzjonali jitlob jew jistenna l-iskartar minn qabel tad-dispożizzjonijiet li jmorru kontra d-dritt tal-UE b'mezzi leġiżlattivi jew b'mezzi kostituzzjonali oħrajn[136].

Skont l-Artikolu 19 TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-awtorità li tiżgura l-osservanza tad-dritt tal-UE, u b'hekk taqdi rwol ċentrali fl-iżgurar tal-effikaċja u l-uniformità tar-regoli tal-UE u tagħti drittijiet lil investituri transfruntiera.

## 3. Ir-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattat

L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jafda lill-Kummissjoni bir-responsabilità għall-applikazzjoni effettiva, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE. F'dan ir-rwol, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-miżuri nazzjonali u taġixxi biex tiżgura konformità ma' salvagwardji tal-UE li jipproteġu lill-investituri. L-għan primarju tal-proċess ta' ksur huwa li jiġi żgurat li l-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet tal-Istati Membri jinġiebu f'konformità mad-dritt tal-UE (pereżempju billi tiġi emendata l-liġi nazzjonali), bħala objettiv ta' interess ġenerali. Azzjonijiet minn investituri individwali li jkunu qed ifittxu l-annullament ta' miżuri nazzjonali jew kumpens finanzjarju għall-ħsara kkawżata minn miżuri bħal dawn huma ta' kompetenza tal-qrati nazzjonali.

L-Istati Membri huma obbligati li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata ksur. F'każ li jonqsu milli jagħmlu dan, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex timponi penali finanzjarji fuq Stat Membru li ma jkunx konformi[137].

Il-Kummissjoni hija impenjata li taġixxi b'mod sod fuq il-ksur li jostakola l-implimentazzjoni ta' objettivi importanti ta' politika tal-UE, jew li jirriskja li jimmina l-erba' libertajiet fundamentali[138], li huma essenzjali għall-investituri. Il-Kummissjoni tagħti prijorità għolja lill-ksur li jiżvela dgħufijiet sistemiċi u b'mod partikolari għal dawk li jaffettwaw il-kapaċità ta' sistemi ġudizzjarji nazzjonali biex jikkontribwixxu għall-infurzar effettiv tad-dritt tal-UE.

[134] C-689/13 Puligienica, ECLI:EU:C:2016:199, para. 38.
[135] Kawżi Magħquda C-231/06 sa C-233/06 Jonkman, ECLI:EU:C:2007:373, para. 38.
[136] C-689/13 Puligienica, ECLI:EU:C:2016:199, para. 40.
[137] L-Artikolu 260(2) TFUE.
[138] Komunikazzjoni "*Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar* (2017/C18/02) disponibbli hawn https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2017.018.01.0010.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2017%3A018%3ATOC

Ta' min jinnota li għadd ta' każijiet ta' ksur jiġu riżolti qabel ir-riferiment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hekk kif l-Istat Membru kkonċernat jemenda jew iħassar il-leġiżlazzjoni tiegħu inkwistjoni jew jieħu miżuri pożittivi biex jiġi rimedjat il-ksur.

## V. Konklużjoni

Fost il-prijoritajiet ewlenin tal-UE fis-suq uniku hemm li l-investimenti jingħataw il-kapaċità, jiġu inkoraġġiti u protetti. Id-dritt tal-UE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, joħloq bilanċ bejn il-protezzjoni tal-investiment u interessi leġittimi oħra li jservu objettivi għall-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Dan l-ibbilanċjar ta' interessi pubbliċi differenti għandhom isiru wkoll meta l-Istati Membri jaġixxu fil-livell nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

Id-dritt tal-UE ma jsolvix il-problemi kollha li l-investituri jistgħu jiffaċċjaw fl-attivitajiet tagħhom. Madankollu, fis-suq uniku, id-drittijiet tal-investituri tal-UE huma protetti mid-dritt tal-UE, li jippermetti t-tkomplija u l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Istati Membri kollha. L-investituri jistgħu jinfurzaw drittijiethom quddiem l-amministrazzjonijiet u l-qrati nazzjonali, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali li għandhom jiżguraw li dawn id-drittijiet ikunu protetti effettivament.

L-investituri tal-UE ma jistgħux jinvokaw it-TIB intra-UE, li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u ma għadhomx meħtieġa fis-suq uniku. Ma jistgħux jirrikorru għal tribunali ta' arbitraġġ stabbiliti minn dawn il-TIB intra-UE jew, rigward il-litigazzjoni intra-UE, għal tribunali ta' arbitraġġ stabbiliti taħt it-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija. Madankollu, is-sistema legali tal-UE toffri protezzjoni adegwata u effettiva għall-investituri transfruntieri fis-suq uniku, filwaqt li tiżgura li l-interessi leġittimi oħra jkunu kkunsidrati kif imiss u skont il-liġi. Meta l-investituri jeżerċitaw waħda mil-libertajiet fundamentali bħalma huma l-libertà ta' stabbiliment jew il-moviment liberu tal-kapital, huma jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għaldaqstant, jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn dik il-liġi.

L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà u s-setgħa li jinfurzaw id-dritt tal-UE b'mod ġenerali u d-drittijiet tal-investituri tal-UE, b'mod partikolari. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex iżżid l-effettività tas-sistema tal-infurzar fl-UE, inklużi azzjonijiet li jappoġġaw il-bini tal-kapaċità amministrattiva jew biex jissaħħu s-sistemi tal-ġustizzja, u biex jindirizzaw il-ksur tad-dritt tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali.